# Immaġina li int siġra...

ta' Keene Muscat



Jiena siġra f'nofs il-pjazza tal-Mellieħa. Għandi madwar għaxar snin. Kien ħawwilni raġel li ġabar il-flus bl-iskop li jsebbaħ il-pjazza billi jħawwel xi siġar madwar il-funtana li hemm f'nofs l-istess pjazza.

Kuljum, lejl u nhar, dejjem nara n-nies għaddejjin jew sejrin il-knisja, li qiegħda f'tarf il-pjazza, jew inkella sejrin il-bar li qiegħed faċċata tal-każin tal-banda jew inkella sejrin jixtru l-ħaxix mingħand Joe Darmanin de Marcos, raġel Sqalli li iżda għandu ċittadinanza Maltija.

Posti hawn f'nofs il-pjazza jogħġobni ħafna għax dejjem nara persuni differenti. Nisma' wkoll in-nies jitkellmu fuq ħafna affarijiet bħall-isports, l-ilbiesi, it-temp u l-politika. Jiġi raġel twil Ingliż isaqqina kull jumejn. Nimtela daqs bajda bl-ilma kollu li jitfagħli u nibda nħoss żaqqi se tixpakka.

Jien nixtieq nibqa' fejn jien għax ngħaddi minn ħafna ġrajjiet. Waħda minnhom hija din. Ġimagħtejn ilu ġie jsaqqina raġel oħxon bil-barbetti. Dan minflok saqqieni, waddab il-bexxiexa lejja u laqatni f'rasi. Jien stordejt iżda xorta smajtu jgħid li minn dakinhar hu kien se jibda jsaqqi. Jien emmintu iżda jumejn wara ħadd ma ġie u issa qed inbati l-għatx.



Il-ħamrija issa niexfa għalkollox. Jien dalwaqt immut. Nispera biss li xi ħadd iħawwel siġra minfloki.

Inħeġġek tħawwel is-siġar, issaqqihom u tieħu ħsieb l-ambjent.